MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 11/2006

Veneranda sive Vera Mercieca

Vs

George Mercieca

**Kawza ta’ annullament ta’ zwieg.**

Illum il-Gimgha, 20 ta’ April, 2007.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-18 ta’ Settembru 2006, l-attrici talbet li z-zwieg taghha mal-konvenut li gie ccelebrat fl-24 ta’ Ottubru 1982, u minn liema zwieg twieldu tlett itfal u cioe’ Richard li twieled fis-7 ta’ Novembru 1983, Mario illi twieled fl-14 ta’ Awwissu 1986 u Nicholas li twieled fit-30 ta’ Dicembru 1992.

Illi l-kunsens tal-kontendenti bejn vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju essenzjali fuq il-hajja mizzewwga, fuq id-drittijiet u dmirijiet matrimonjali u/jew b'anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibli ghall-kontendenti li jaqdu d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti kien null ukoll minhabba difett fil-kunsens tal-kontendenti li nkiseb bi vjolenza morali u biza' kif jigi pruvat dettaljament waqt is-smiegh ta' l-istess kawza.

Ghalhekk l-attrici talbet lill-Qorti sabiex tiddikjara li z-zwieg li kkuntrattat fl-24 ta' Ottubru 1982 kien null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi sa mill-ewwel gurnata tieghu minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ghalkemm il-konvenut gie notifikat bir-rikors guramentat[1] huwa ma ressaq l-ebda risposta.

Rat l-atti kollha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' April 2007 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza.

1. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-

(i) Il-kontendenti zzewgu fl-24 ta' Ottubru 1982.
(ii) Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, Richard li twieled fis-7 ta' Novembru 1983, Mario li twieled fl-14 ta' Awwissu 1986 u Nicholas li twieled fit-30 ta' Dicembru 1992.
(iii) Minn meta l-attrici kellha hames snin hija ghexet u trabbiet fl-Istitut Lourdes Home. Baqghet tghix hemmhekk sakemm kellha 21 sena meta zzewget lill-konvenut.
(iv) Qabel iz-zwieg, il-kontendenti ghamlu perjodu ta' sena johorgu flimkien. Kienu jiltaqghu darbtejn fil-gimgha. Darba fl-Istitut fejn kienet tghix l-attrici u d-darba l-ohra

---

[1] Fol. 2 a tergo.

kienu johorgu. Ma kienx hemm bizzejjed zmien sabiex il-kontendenti jsiru jafu lil xulxin.

(v) Iz-zwieg kien ghall-attrici il-mezz li bih setghet titlaq' mill-Istitut u tibda hajja gdida minghajr sikkaturi.

(vi) Iz-zwieg gie propost u t-tieg organizzat f'perjodu qasir hafna. Skond l-attrici preparamenti ghaz-zwieg ma sarux u kollox sar fi ftit gimghat, hadu hsieb il-konvenut u l-Madre Superjura tal-Istitut.

(vii) Il-hajja matrimonjali ma kienitx wahda felici u jidher li dan ma kienx zwieg fejn irrenjat l-imhabba u l-ghaqda bejn il-konjugi.

2. L-attrici qeghda titlob dikjarazzjoni li z-zwieg taghha huwa null fuq il-bazi ta':-

**Artikolu 19(1)(a)**[2] – *"l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat ghaliex inkiseb bi vjolenza morali u biza"*.

**Artikolu 19 (1) (d)** – *"vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

3. Mill-ftit provi li tressqu, il-Qorti tistqarr li dan huwa kaz fejn iz-zwieg sar ghar-ragunijiet zbaljati u mill-bidu kien jidher li ma kienx destinat li ser jirnexxi. L-attrici riedet titlaq mill-Istitut fejn kienet qeghda tghix u tibda hajja gdida. Il-Qorti qegha tifhem li l-attrici ma kellix il-mezzi sabiex taghmel dan il-pass b'mod indipendenti, minkejja li kellha xi ghoxrin (20) sena meta bdiet tohrog mal-konvenut. Lanqas preparamenti ma saru, u ma jirrizultax li f'dak il-ftit li sar l-attrici kienet involuta[3]. Irrizulta wkoll li huha (Anthony Fucile) kien ipprova jikkonvinciha biex ma tizzewwigx, imma l-attrici ghamlet ta' rasha. Gertrude

---

[2] Kap. 255.

[3] *"fil-preparamenti taz-zwieg jiena ma kelli l-ebda partecipazzjoni. Hasbu ghal kollox il-Madre Superjura u l-gharus tieghi George. Sac-crieket kien xtara hu u darba fost l-ohrajn, gie fuqu qalli "ahja, se nizzewwgu ! Dan minghajr ma jien kont naf b'xejn ghaliex sa dakinhar konna ghadna qatt ma tkellimna dwar iz-zwieg ghalkemm jiena f'qalbi kont dejjem nara lill-gharus bhala s-soluzzjoni biex jiena nitlaq mill-Istitut"* (Fol. 7).

Bezzina, habiba ta' l-attrici, xehedet:- *"niftakar li Vera gieli fethet qalbha mieghi dwar il-pass li kienet ser tiehu meta tizzewweg il George.* ***L-unika haga li kellha f'mohha dak iz-zmien kienet li titlaq mill-Istitut****….. Vera ma kinetx preparat biex tidhol ghaz-zwieg ma' George, li ghaliha kien persuna li kienet ghadha ma tafx. Jidher li hija kienet ser tidhol fi zwieg minhghajr imhabba, izda sempliciment biex ikollha l-liberta' li tant kienet tixtieq"*[4]. Tista' tghid, wara z-zwieg l-attrici mill-ewwel harget tqila, u ghalkemm il-kontendenti kellhom tlett itfal jirrizulta li l-problemi fiz-zwieg bdew mat-twelid tal-ewwel tarbija u din il-koppja ma kellix paci fil-hajja mizzewga.

4. Mehud in konsiderazzjoni tal-provi li tressqu mill-attrici, il-Qorti tikkonkludi li l-attrici zzewget ghar-ragunijiet zbaljati u minghajr ma kkunsidrat ir-responsabbiltajiet u l-obbligi li jgieb mieghu z-zwieg. Mill-provi li tressqu jirrizulta li l-attrici ma kienetx, fil-mument li tat il-kunsens, kapaci tapprezza, tizen u tivvaluta il-hajja mizzewga jew id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg. Fil-kawza fl-ismijiet **Janet Portelli vs Victor Portelli** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Prim'Awla, 14 ta' Awwissu 1994) gie osservat:-

*"It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within"*.

Illi l-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li nghad dwar id-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, fis-sentenza

---

[4] Fol. 10.

**"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef N. Arrigo) 27 ta' Lulju 1999) u cjoe':- *"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-Qorti qalet illi **<u>m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha.</u>** Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'.*

*Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u lassistenza, l-unita' u l-indissolubbilta' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja u l-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u tazzwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef"** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali talhajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Ghall-attrici z-zwieg kien ic-cavetta biex titlaq darba ghal dejjem mill-Istitut u tibda hajja mill-gdid. Fis-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha l-attrici kienet tali li jkun hemm nuqqas ta' hsieb u riflessjoni dwar x'inhu z-zwieg u d-dmirijiet u d-drittijiet li jgieb mieghu. Biex il-kunsens ta' zewg partijiet fiz-zwieg ikun validu jehtieg li dan ikun rizultat ta' att liberu u volontarju fil-fehma tal-kontendenti li huma jaghzlu li jinghaqdu flimkien bl-intenzjoni li jghixu l-hajja kollha taghhom flimkien u li bejniethom jikkrejaw komunjoni ta' hajja flimkien ma' uliedhom li huma jkunu ntenzjonati li jikkoncepixxu. Ic-cirkostanzi li jirrizultaw mill-kawza odjerna huma tali li ghallinqas zgur min-naha tal-attrici hija

ma turix li kellha il-maturita' ta' hsieb u tal-karattru b'mod li jimpenjaw ruhhom ghall-partecipazzjoni attiva' fil-hajja tal-familja, u kull ma kien jinteressaha kien li kif sabet l-ewwel opportunita' biex titlaq mill-Istitut tahtafha minghajr ma qieset ukoll x'setghu jkunu l-konsegwenzi u x'kien ifisser iz-zwieg. Biex wiehed jaghti l-kunsens tieghu ghaz-zwieg m'huwiex bizzejjed li wiehed ikollu maturita' ta' gudizzju kapaci li jifhem x'inhuma d-doveri u d-drittijiet li jgieb mieghu z-zwieg. Igifieri, li wiehed ikollu d-diskrezzjoni fir-rigward tal-impenji u l-obbligi li jgieb mieghu dan l-att u li trid tkun ta' impenn ghall-futur. Fil-kawza fl-ismijiet **Mario Mizzi vs Maris Mizzi** (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li; *"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomlaija psikologika fis-sens mediku) li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhew il-liberta ta' l-ghazla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."*

5. Fir-rigward tal-kawzali l-ohra li kien hemm difett fil-kunsens minhabba li dan inkiseb bi vjolenza morali u biza'. Illi wkoll, fil-kaz **"Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (Prim'Awla tal-Qorti Civili) deciza fil-25 ta' Gunju 1993), l-espert tal-Qorti fisser li: *"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibbilta` lil min ikun li jisfuggi minnha."* Fir-rigward tal-biza' huwa maghruf li sabiex zwieg jigi annullat fuq din il-bazi, il-biza trid tkun ta' certa portata b'mod li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-biza' tkun iddeterminat kompletament l-ghoti tal-kunsens ta' parti jew ohra. Fi kliem iehor, il-parti trid tkun tat il-kunsens ghaz-zwieg <u>**minhabba**</u> l-biza'. Mill-ftit provi li tressqu ma rrizulta xejn minn dan u anzi ma saret l-ebda accenn ghal xi vjolenza jew biza'.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta u tiddecid l-kawza billi ghar-ragunijiet fuq imsemmija tilqa' t-talba u tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija u tnejn u

tmenin (1982) bhala null ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) ta’ l-Att dwar iz-Zwieg.

Spejjez kontra l-attrici.

**Fl-ahharnett tordna li kopja ufficjali ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex sabiex isiru l-annotazzjonijiet mehtiega fl-Att ta’ Zwieg relattiv.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------